Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,613, 23 ta' April, 2021

Taqsima B

A.L. 183 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali (Emenda Nru 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali (Emenda Nru 4) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti tal-2021 Dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 465. 56.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-26 ta' April 2021.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali il-kliem "żewġ (2) residenzi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "erba' (4) residenzi".